

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "Simca" għal prodotti fil-klassi 12 — Trade mark Komunitarja Nru 6 489 371*

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti*

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: PSA Peugeot Citroën ĠIE*

*Motivazzjoni tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: fil-mument tar-applikazzjoni ir-rikorrenti kien in mala fide*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u trade mark irreġistrata ddikjarata invalida*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.*

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2012 — Mundipharma vs UASI — AFP Pharmaceuticals (Maxigesic)**

**(Kawża T-328/12)**

(2012/C 287/63)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti: Mundipharma GmbH (Limburg a.d. Lahn, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Nielsen, avukat)*

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: AFP Pharmaceuticals Ltd (Takapuna, Neuseeland)*

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-23 ta' Mejju 2012 fil-Każ R 1788/2010-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja: AFP Pharmaceuticals Ltd*

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Maxigesic" għal prodotti fil-klassi 5 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 056 104*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti*

*Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali "OXYGESIC" għal prodotti fil-klassi 5*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u oppożizzjoni miċħuda*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.*

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2012 — Sartorius Weighing Technology vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' kurva safra fix-xifer ta' isfel ta' unità ta' viżwalizzazzjoni)**

**(Kawża T-331/12)**

(2012/C 287/64)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti: Sartorius Weighing Technology GmbH (Göttingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Welkerling, avukat)*

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-3 ta' Mejju 2012, fil-Każ R 1783/2011-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk tal-appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade marka oħra, li tirrappreżenta kurva safra fix-xifer ta' isfel ta' unità ta' viżwalizzazzjoni elettronika, għal prodotti fil-klassijiet 7, 9, 10 u 11*

*Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.*